**21 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Spiridione Camilleri et.

*versus*

Avukat Dr. Edgar Buhagiar ne. et.

**Tassazzjoni — Ritassa — Kompetenza.**

*Kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża għar-ritassa ta' drittijiet taxxati mir-Reġistratur hija l-Qorti Ċivili, avvolja l-kawża prinċipali, li dwarha tintalab ir-ritassa, tkun ġiet deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi b'sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 1959 mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Re'ina, konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fl-20 ta' Ġunju 1960, ġiet deċiża l-kawża nru. 389/1956 fl-ismijiet "Joseph V. Toledo et. vs. John Zammit et."; illi l-konvenut reġistratur intaxxa d-dritt tal-attur Avukat Dr. Spiridione Camilleri u l-Prokuratur Legali Edwin Engerer fl-ammont u bil-mod li jidhru mit-taxxa dok. A u mid-dettal muri fiż-żewġ dokumenti B u C annessi, billi huma kienu rispettivament l-avukat difensur u l-prokuratur legali tal-konvenuti Joseph, Edgar, Paul, Anthony, Charles, Edwin, Doris mart Rocco Loporto minnu assistita, u Henry proprio et nomine, ilkoll aħwa Zammit, fl-imsemmija kawża, u fl-istess ammont u bl-istess mod intaxxa d-dritt tal-atturi Avukat Dr. Carmelo Zammit u Prokuratur Legali Giuseppe Galdes, kif jidher mill-annessa taxxa dok. D u mill-anness dettal dok. B u dok. C fuq

imsemmija, billi kienu rispettivament l-avukat difensur u l-prokuratur legali tal-konvenut Gustav Zammit fl-istess kawża; illi t-tassazzjoni fuq indikata hija nsuffiċjenti u żbaljata, għaliex mhix bażata fuq il-valur involut f'dik il-kawża, ammontanti għal £6000, kif jidher mill-atti ta' dik il-kawża u anki mill-istess dettalji Dok. B u Dok. C; talbu li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-imsemmija tassazzjoni tiġi minn din il-Qorti dikjarata żbaljata, u tiġi minn din il-Qorti ordnata l-korrezzjoni u modifikazzjoni tagħha in bażi tal-kriterju tal-"ad valorem" jew ta' kull kriterju ieħor li l-Qorti jidhrilha adatt għall-każ skond ir-regoli tat-tariffa "G" tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq il-preġudizzjali tal-inkompetenza ta' din il-Qorti sollevata mill-konvenuti Joseph V. Toledo, Carmelo Camilleri, Carmelo Ellul Sullivan, Salvino Ellul Sullivan, u Frank Diss;

Illi l-konvenuti issa msemmijin jissottomettu li din il-Qorti mhijiex kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, u minflok hija kompetenti l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li ddeċidiet il-kawża prinċipali; u b'sostenn ta' din is-sottomissjoni tagħhom huma jiċċitaw is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-8 ta' Awissu 1903 fil-kawża in re "Debono vs. Muscat", fejn ġie ritenut li "è competente a prendere cognizione di una domanda per la ritassa il solo tribunale che avesse deciso il merito relativo";

Illi din l-eċċezzjoni tal-konvenuti msemmijin mhix sostenibbli. Infatti, id-deċiżjoni ndikata, mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża in re "Debono vs. Muscat", ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 1904, li rriteniet illi "la tassazione o liquidazione delle spese giudiziarie è atto del registratore, e non della Corte che avesse deciso la causa, ed in conseguenza la domanda per la correzione di una tassa, costituendo una causa di natura civile, è giudicabile dalla Prim'Awla". L-imsemmija Onorabbli Qorti rribadiet l-istess prinċipju fid-29 ta' Ottubru 1906 fis-sentenza fil-kawża in re "Gauci vs. Vella", meta għallmet illi "la Corte

di Commercio è incompetente a giudicare su un reclamo fatto contro una tassa, quantunque questa riguardi diritti riferibili ad una causa decisa da quella Corte"; u dan għar-raġunijiet, fost oħrajn, li "non si può ritenere che siffatta causa sia di natura commerciale o che versi sul commercio, nè che l'atto su cui versa, cioè la tassa impugnata, sia commerciale pel registratore, nè per altri convenuti che vi potessero avere interesse";

Din il-Qorti ma ssibx raġunijiet għaliex ma għandhiex issegwi dawn il-prinċipji;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara li din il-kawża hija ta' kompetenza ta' din il-Qorti, u għalhekk tirrespinġi l-preġudizzjali relattiva sollevata mill-konvenuti fuq imsemmijin; bl-ispejjeż kontra tagħhom. Il-kawża tiġi differita għas-7 ta' Diċembru 1961. għat-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Avukat Dr. Edgar Buhagiar nomine.